GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 2 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2009, fis-6.00 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Anġelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti
2. Tagħrif mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Assenjament ta' Karigi lill-Kunsillieri
5. Pjan ta' Hidma
6. Suġġerimenti mill-Kunsillieri.

## 1. Minuti

Is-Segretarju qrat il-Minuti ta' l-Ewwel Seduta tal-Kunsill.

Is-Sindku staqsa kienx hemm kummenti dwarhom. Peress li ma kienx hemm rimarki, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Agius u approvati unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li s-Sur Vassallo kif ukoll is-Sur Joe Abdilla kienu ħadu l-ġurament tal-ħatra ( item 2 u 3 tal-Minuti preċedenti) bħala Sindku u Viċi Sindku.

## 3. Korrispondenza

3.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienu waslu ittri mingħand :-

a) Minghand il-Malta Investment Management Co. Ltd fejn infurmaw il-Kunsill b'*workshop* dwar 2009 *Eco Innovation Call for Proposal.* Ghal dan il-workshop attendew Is-Sur Vassallo u s-Segretarju. Is-Segretarju qalet li dan il-workshop kien jittratta dwar gwidi ta' kif timtela applikazzjoni ghal fondi ta' progetti li jkunu favur l-ambjent.

b) Minghand l-Onor. Chris Said ircevejna lista' tal-hwienet kollha f'Malta u Ghawdex fejn jistghu jissarrfu l-vouchers tal-bozoz *energy saving* li tqassmu fid-djar.

c) Minghand il-President tal-MFA ircevejna email fejn ippropona li l-iffirmar tal-Kuntratt isir nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2009. Is-Segretarju qalet li kitbet lill-Dr. Mifsud biex dan isir f'data ohra minhabba li ma tkunx ghada saret l-ewwel laqgha mal-Kunsill il-gdid.

d) L-Assocjazzjoni tal-Kunsilli nfurmatna li ser issir laqgha nhar il-Gimgha 3 ta' Lulju 2009 dwar il-WiFi. Ghal din il-laqgha attendiet is-Segretarju u qalet li fil-laqgha inghata taghrif dwar l-opportunita' li qed tinghata lill-Kunsilli Lokali sabiex joffru wi-fi broadband services fil-lokal. B'dan is-servizz, il-Kunsill Lokali jkunu qed jaghmluha aktar facli sabiex min ma jistax ihallas *internet subscription*, ikollu s-servizz permezz ta' wi-fi li jkun provdut f'postijiet pubblici.

e) Is-Sur Ray Abela tat-TCTC baghat l-awguri tieghu lil kunsilliera eletti.

f) L-Ghaqda Muzikali Santa Marija wkoll bghatet tifrah lil-Kunsillieri ghar-rizultat li ksibtu fl-elezzjonijiet.

g) Is-Sur Vince Schembri mid-Dipartiment tal-Agrikoltura infurmana li d-Dipartiment ma jsib l-ebda oggezzjoni ghal qlugh tas-sigra li hemm fil-kantuniera ta' Triq il-Miksur ma' Dawret Hal Ghaxaq ghaldaqstant qieghed jitlob sabiex ikun infurmat meta u fejn ser terga tithawwel l-imsemmija sigra. Is-Sur Vassallo qal li din tista tithawwel il-By-pass ta' Hal Ghaxaq fejn hemm spazju bejn sigar ohra. Ghaldaqstant ser jingiebu kwotazzjonijiet biex dan isir.

h) Minghand l-Untours Insurance Agency ircevejna ir-Renewal Notice tal-Commercial Combined Policy, Electronic Equipment, Group Personal Accident u dawn jammontaw ghal €1,479.70. Is-Sur Abdilla qal li ikun ahjar jekk naraw il-kuntratt ma' l-imsemmijja insurance giex fi tmiemu qabel ma din terġgha tiġġedded.

i) Id-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali infurmana li ser isir Seminar nhar 1 ta' Lulju bit-tema "Netwerk Rurali Malti"bhala parti mill-attivitajiet fi hdan il-Pjan ta' l-Izvilupp Rurali ghal Malta 2007-2013. Ghal dan is-Seminar attenda is-Sur Vassallo. Is-Sur Vassallo qal waqt dan is-Seminar gie diskuss kif wiehed jista jinghaqad ma grupp minn barra biex jigu rrangati postijiet b'wirt storiku, widien naturali, kif ukoll jinstabu *sponsors* ghal dan il-ghan.

j) Is-Sur Kevin J. Drake mill-Awtorita tat-Turizmu nfurmana li qed jikkunsidraw it-talba tal-Kunsill ghal ghajnuna sabiex jingibu il-Vikings hawn Malta.

k) Ircevejna l-Money Policy biex il-Kunsill ikun jistgha jimxi mal-kundizzjonijiet. Dwar din il-policy il-vici-Sindku qal li l-ahjar naraw din lil min tkopri. Bil-Ligi is-Segretarju Ezekuttiv u nkarigat bil-flus u ghalhekk hi ghanda tkun responsabbli biex tmur il-bank. Is-Segretarju qalet li ser ticcekkja fuq klawsola li hemm fil-policy li tghid "*for Money at the Private dwelling of the Insured or an Employee but only if* the *private dwelling is not a part of the Insured Premises*" minhabba li flus tal-Kunsill ma jistghux jittiehdu d-dar. Is-Segretarju giet infurmata mill-AKL li din il-klawsola hija wahda li tinsab fil-*Policy* izda hi parti biss mhix il-klawsola kollha. Il-kumplament tal-klawsola tappartieni ghall-Kunsilli. Din il-polza mhux qeghda ghall-Kunsilli biss u l-Kunsill mhux qed ihallas ghal din il-klawsola separatament.

l) Il-Kumpanija Horizons infurmatna li qed jaghmlu kotba u DVD's fuq lokalitajiet differenti.

m) L-EneMalta ma sabet l-ebda oggezzjoni biex jitwahhlu zewg bozoz fi Sqaq Vova.

n) Il-MEPA nfurmatna b'Avvizi ta' Infurzar f'tal-Wilga fi Triq Ghar Dalam, li jikkonsisti minn bdil fl-uzu ta' zewg garaxxijiet minn dawk konnessi ma' l-operat ta' razzett ghal stores u stazzjon tar-radio, mhazen u *workshops*. Applikazzjonijiet Nru 2246/09 biex jinbidel l-gholi ta' garaxx fi Triq Birzebbugia, Nru. 1634/09 biex jitrangaw garaxxijiet fi Triq il-Qattus. Nru.1716/09 biex jigu permessi il-garazxxijiet kif mibnijin fi Triq Guzeppi Vella k/w Triq Joseph Gravina. Nru 1813/09 biex isiru alterazzjonijiet ghal post ta' *business and light industry* u permess ghal tabella li hemm fi Triq it-Tgezwira. Nru. 2433/09 sabiex jinbnew appartamenti fi Triq San Gorg.

o) Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ircevejna Memo 35/2009 dwar il-Websajt Ufficjali tal-Kunsilli Lokali. Twaqqaf task force apposta biex giet imnedija websajt ufficjali li tigbor fiha l-informazzjoni dwar il-kunsilli Lokali kollha. L-Ufficjal awtorizzat mill-kunsill bhala l-aministratur ser ikun responsabbli li jaggorna l-informazzjoni fuq il-pagni tal-Kunsill. Memo 37/2009 dwar Garanzija Bankarja fuq Xoghlijiet ta' Zvilupp. Meta sid japplika ma l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghal permess ta' zvilupp, dan ghandu jaghmel garanzija bankarja favur l-istess MEPA, sabiex jigi accertat illi wara li jkun sar ix-xoghol, it-triq fejn ikun sar l-izvilupp tigi restawrata kif suppost. Memo 38/09 Kodici dwar l-Ahjar Prattici ghall-Gvern Lokali. Ircevejna kopja ta' dan id-Dokument ghal kull Kunsillier,Segretarju Ezekuttiv u lill-membri tal-istaff. Memo 40/2009Ircevejna ukoll Memo dwar Programm URBACT that l-ERDF Dan hu programm ta' koperazzjoni territorjali, kofinanzjat mill-Fond Ewropew ghall-Izvilupp Regjonali li jkopri l-UE, in-Norvegja u l-Izvizzera, b'risq il-koperazzjoni fl-oqsma tal-izvilupp urban u jrawwem l-iskambju ta' esperjenza fl-ibliet Ewropej. Id-Dipartiment baghat ukoll Programm ta' Tahrig ghall-Kunsilliera eletti June 2009.

p) Schembri Infrastructures baghatu it-testijiet li ghamlu fit-toroq qabel isir l-asfaltar minhabba l-hamrija fi Triq ic-Ceppun. Triq il-Gardell u Triq Dun Marcell Mallia hija daghajfa. Dawn se jigu mghoddijja lil-Perit tal-Kunsill.

q) Minghand il-Water Services ircevejna kopja tal-kuntratti li qeghdin isiru ma' Schembri Infrastructures ghal trenching li qed isir biex isiru *mains* ta' l-ilma.

r) Minghand is-Sur Emanuel Delia mill-Ministeru ghal-Infrastruttura, Trasport u Komunikzjoni rcevejna ittra fejn infurmana li t-talba tal-kunsill biex jigu inluzi Tal-Millieri u Hal-Dmikki Housing Estate fir-rottot il-godda giet kkunsidrata.

s) ETC infurmatna li ser issir laqgha ghas-Sindki/Segretarji Ezekuttivi li kienu wiegbu ghas-sejha li kienet saret ghal-dawk interessati li jaghmlu uzu mill-iskema Xoghol fil-Komunita'. Din il-Laqgha ser issir nhar il-Hamis 9 ta' Lulju 2009, u ser jattendu s-Sindku u s-Segretarju.

t) L-Ispettur Portelli mis-CID jixtieq jiltaqgha mal-membri tal-Kunsill.

u) L-Ispettur Mario Tonna mill-Malta Police Traffic Branch jixtieq jiltaqgha mal-membri tal-Kunsill.

v) Nhar il-Erbgha 8 ta' Lulju ser issir laqgha tal-GAL il-Kunsill Lokali taz-Zejtun.

w) Nhar il-Gimgha 10 ta' Lulju 2009 ser issir laqgha il-Kunsill Lokali tal-Mosta dwar *European Neighbourhood Partnership Instrument*.

x) L-Untours insurance infurmatna li l-policy excess ta' l-insurance hija izjed mis-somma li tlabna ghat-tiswija tal-vettura li waqghet tabella fuqha.

3.2 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li bagħat ittri :-

1) Lill-*Wasteserve* sabiex il-*Bring in sites* jigu mhaffra taht l-art fejn qed isir il-progett fi Triq id-Dejl.

**4. <u>Assenjar ta' Karigi Lill-Kunsillieri</u>**

Is-Sur Vassallo informa lill-Kunsill li fil-fehema tiegħu il-membri tal-Kunsill għandhom ikollhom dawn l-inkarigi matul il-ħajja tas-sitt Kunsill:

| | |
|---|---|
| *Sur E.Vassallo* | Responsabbli mill-Kuntratti kollha, attivitajiet kulturali, agrikoltura u mill-Kumitati Konġunti; |
| *Sur J.M. Abdilla* | Responsabbli mill-Finanzi tal-Kunsill, l-Għaqdiet Lokali u Relazzjonijiet Internazzjonali; |
| *Sinjura R. Agius* | Responsabbli mill-Attivitajiet Socjali, Anzjani u Persuni bi Htigijiet Specjali; |
| *Sur A. Attard* | Responsabbli mill l-Komunita' Kummerċjali u Sports; |
| *Sur A. Picco* | Responsabbli mill-Amministrazzjoni, Qasam taż-Żgħażagħ u PRO. |

In vista ta' suġġeriment li sar waqt il-laqgħa, is-Sur Picco qal li bħala parti mill-assenjar tal-kariga tiegħu ta' PRO, huwa se jieħu nkarigu wkoll tal-*web-site* tal-Kunsill.

**5. <u>Ħatra ta' Sotto Kumitati</u>**

Is-Sindku qal li kull Kunsillier għandu jara x'Kumitati jew sotto-Kumitati jeħtieġu biex imexxu l-oqsma delegati lilhom. Huwa qal li sa laqgħa oħra l-membri tal-Kunsill għandhom iħejju l-ismijiet tal-persuni li se jkunu membri tal-Kumitati li huma bi ħsiebhom jinnominaw għal dawn is-Sotto Kumitati.

**6. <u>Kuntratti li Se Jagħalqu</u>**

Is-Sur Abdilla qal li hemm numru ta' kuntratti li se jagħalqu. Is-Segretarju qalet li dawn ikopru :-

*a) Is-Servizz għal Iskips;*

*b) Provediment ta'Konkos.*

*c) Servizz ta' Perit*

*d) Servizz ta' Stampar*

*e) Patching*

## 7. **Suġġerimenti**

1. Is-Sur Abdilla staqsa jekk il-Kunsill hux se jaqleb ghal gbir ta' li skart bieb – bieb jew jibqa juza li skips. Qal ukoll li sitwazzjoni partikulari hi fejn jitpoggew li skips. Is-Sur Abdilla qal li jkun tajjeb li naraw x'jahsbu in-nies fuq l-opinjonijiet ta' li skart. Minhabba li nies li jkunu jahdmu dawn generalment isibu li jinqdew ahjar bli skips.

   Is-Sur Pico qal li ikun hemm iktar lok ghal hmieg jekk li skart jingabar bieb-bieb ghax issa in-nies drawhom li skips.

   Is-Sindku qal li hu tkellem mal-Kunsill tal-Gudja dwar il-hrug ta' tender ghal gbir ta' li skart biex jara ikunx jaqbel li il-kuntratt jinqasam bejn iz-zewg Kunsilli.

2. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera li jehtieg jitfassal pjan ta' hidma biex flimkien jaraw il-prijoritajiet li hemm bzonn isir f'dawn l-erbgha snin li gejjin.

3. Is-Sur Picco qal li hu mportanti li ir-residenti fejn ikun ser isir ix-xoghol tat-toroq jigu mgharrfa b'ittra biex jekk dawn ikollhom il-bzonn li jghamlu servizzi fit-toroq, dawn isiru qabel ma ssir it-triq. Qal ukoll li r-residenti ghandhom ikunu cari fuq kollox li jkun ser isir. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sur Attard qal li l Water Culvert li hemm fejn tispicca Triq il-Hatem jitbaxxa ghal gol hofra. Is-Sur Abdilla qal li l-ahjar hu li nqabbdu l-Perit u jghidilna hu x'jinhtieg li sjir. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sur Abdilla qal li la darba hu se jiehu hsieb il-Finanzi jixtieq li jara l-kontijiet tal-Kunsill qabel ma dawn jithallsu. Il-Kunsill qabel unanimament.

6. Is-Sinjura Rose Agius qalet li ghalkemm ghadhom ma hargux l-inviti, hi giet infurmata li l-Kunsill ser ikun mistieden mill-Ghaqda tal-Kazin ta' Santa Marija ghal ftuh tal-binja u ghalhekk ikun xieraq li l-Kunsill jghati rigal lill-Kazin ghal din l-okkazzjoni. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sur Vassallo qal li minhabba li ma kienx hemm cans biex iressaq it-talba lill-Kunsill, hu kien xtara rigal u pprezentah f'isem il-Kunsill lill-Ghaqda San Guzepp u ghalhekk qed jitlob li jithallas. Il-Kunsill qabel li is-Sur Vassallo jithallas.

8. Il-Kunsillier Attard qal li hemm il-htiega li toqba li hemm fejn iz-zuntier tigi rrangata bit-tarmac qabel ma jwegga xi hadd. Il-Kunsill qabel.

9. Is-Sur Attard qal ukoll li fi Gnien 2000 qed isir hafna storbju u vandalizmu minn xi zaghzagh. Is-Sindku qal li l-cameras qed jahdmu anke il-pulizija gew infurmati izda meta ta' l-ahhar jaslu fuq il-post dawn iz-zaghzagh ikunu diga telqu.

10. Il-Vici-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk hux kuntent bit-tindif tar-Rahal. Zied jghid li hu mhux kuntent ghax ir-residenti qeghdin jilmentaw ta' kuljum. Is-Sinjura Agius staqsiet kemm il-Kunsill suppost ghandu kenniesa u s-Sur Attard qal li tlieta. F'dan il-hin is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill ghandu tnejn ghax wiehed mil-kenniesa nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha ikun Bormla qieghed jbiegh. Is-Sur Attard qal li din il-persuna tkun bil-leave u s-Sur Abdilla wiegeb li din il-persuna allura ghanda 104 *leave* fis-sena ghax darbtejn fil-gimgha dejjem tkun Bormla. Is-Sur Attard qal li din il-ersuna tirranga biex tghamel hekk.

    Is-Sur Abdilla zied jghid li hu mhux kuntent bit-tindif u jixtieq li bhala standard ikun ahjar dan mhux hu biss qieghed jghidu imma anke mir-rapporti dwar l-indafa li nircievu li bhala punti dejjem ninghataw 3 u 4 minn 10. Is-Sur Abdilla qal ukoll li qed nissemmew anke fil-Parlament.

    Is-Sur Attard qal li qabel jitrangaw it-toroq, il-haxix tar-rahal jibqa jikber u b'hekk jidher il-hmieg.

11. Is-Sindku qal li hemm il-htiega ta' zewg tabelli biex is-sewwieqa jipparkjaw wicchom lejn il-bini. Dawn it-tabelli se jitpoggew il-bypass fis-service road faccata tal-hwienet. Il-Kunsill qabel.

12. Is-Sur Vassallo qal li hemm ukoll htiega ta' tabella biex turi l-Librerija bil-vlegga lejn il-lemin. Il-Kunsill qabel.

13. Is-Sur Vassallo qal li fejn ntefet il-hamrija li nqalet minn fejn ser isir il-ground, hemm il-htiega ta' tlett filati gebel u l-hamrija tigi mwittijja. Il-Kunsill qabel.

14. Is-Sindku qal li hemm il-htiega ta' bowser ilma biex insaqqu l-qsari w s-sigar. Il-Kunsill qabel.

15. Is-Sur Picco staqsa meta ser isiru it-toroq tal-*Housing Estate*. Is-Sindku wiegeb li issa jitkompla il-programm li gie mfassal u wara li jingieb il-kont tax-xoghol li jkun sar nkomplu bil-*Housing Estate*.

16. Is-Sur Abdilla ssugerixxa li jerggha jibda jsir registru ta l-ilmenti, u jintbaghat *acknowledgement* ta' kull ilment. Il-persuna li tghamel l-ilment tkun infurmata bl-azzjoni li tkun ittiehdet. Waqt laqgha tal-Kunsill jingieb dan ir-registru. Il-Kunsill qabel.

17. Is-Sur Abdilla issugerixxa li d-dawl kollu fl-ufficcju tal-Kunsill jinbidel u jsir *Energy Saving*. Il-Kunsill qabel.

18. Is-Sur Abdilla qal ukoll li is-sistema tal-Kompjuters tinbidel u jintalbu kwotazzjonijiet. Is-Segretarju qalet li jinhtieg ukoll laptop li jistgha jintuza minn min ikollu bzonnu. Il-Vici Sindku qal ukoll li dan il-laptop ikun jista jintuza minn kullimkien bid-dongle ta' l-internet. Il-Kunsill qabel unanimament.

19. Il-Kunsillier Picco qal li tajjeb li l-fuljett tal-Kunsill johrog min ta l-inqas darbtejn fis-sena. Il-Kunsill qabel izda wiehed irid jara jkunx vjabbli li jinhareg fuljett jew *flyer*.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fis-8:00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2009 fil-5.30 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- It-Tnejn 20 ta' Lulju fil-5.30pm,